MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Numru. 358/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Cassar)**

**Vs**

**Leonard Vella ta’ 21 u ghoxrin sena bin Louis u Carmena nee Galea, imwieled, Pieta`, nhar it-8 ta’ Awissu, 1985, u residenti gwwa fond b’numru 25, ‘Arcadia’, Triq is-Sejjieh, Swieqi, detentur tal-karta ta’ l-Identita` b’numru 409458M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Leonard Vella u cioe` talli matul il-lejl ta’ bejn id-9 ta’ April 2007 u l-10 ta’ April, 2007, gewwa Triq il-Wied B’Kara:

a) Voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe

ghamel hsara fuq il-hgiega ta' Bus Shelter, sitwata fi Triq Il-Wied, Kara, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin ) izda mhux aktar minn Lm500(hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu ta' l-istess did u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi.

Ikkunsidrat.

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni tieghu l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi fuq ammissjoni ta' l-imputat u wara li rat l-art 325(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Leonard Vella hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommenttix reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara li wissiet b'mod car lill-imputat b'mod car l-import ta' din is-sentenza.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------